QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

It-Tlieta 6 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fil-5:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 4.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

4.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

## 4.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

4.2.1 Peress li l-minuti tat-tielet laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija. Is-Sindku semma li huwa jixtieq li fil-minuti f'paragrafu 3.30.1 ghandha tizdied din is-sentenza li huwa kien semma waqt il-laqgha, li x'hin il-Vici Sindku cempillu fil-8:45 ta' filghaxija meta huwa kien qed Hondoq, l-Vici Sindku talbu sabiex jitla` minn Hondoq halli jkellmu. Il-Vici Sindku semma li dan mhux minnu u li huwa x'hin cempel lis-Sindku qallu "skuzani li qed incempillek f'dan il-hin imma xi ufficjali gejjien ghada sabiex jizebghu l-parking tal-GOTO" u ghalhekk il-Vici Sindku talab li ghandha tizdied din fil-minuti wkoll. Wara dan il-Kunsill qabel li ghandhom jizdiedu dawn is-sentenzi u l-minuti gew approvati unanimament.

## 4.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

4.3.1 Is-Sindku semma li ser tigi rrangatha l-funtana ta' quddiem l-bini tal-Kunsill li prezent mhiex tahdem, izda l-ewwel trid isir applikazzjoni sabiex jingab *meter* tad-dawl iehor.

4.3.2 Is-Sindku semma li gie mixtri *grinder* sabiex jigi uzat mill-haddiema kif ukoll il-haddiema nghataw t-*training* mehtieg.

4.3.3 Is-Sindku ressaq talba sabiex jinghata bidu ghal servizz ta' trasport mill-Pjazza ghal bajja ta' Hondoq ir-Rummien fix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru, kull saghtejn.

4.3.4 Is-Sindku semma li gabar tlett stima ghat-tindif tal-pjazza u t-toroq tal-madwar matul il-Festa tal-lokalita`. Huwa informa lill-Kunsill li giet maghzula l-istima tal-Kumitat tan-Nar San Guzepp.

4.3.5 Is-Sindku semma li t-tizjin tat-Triq it-28 ta' April 1688 ghall-Milied ssoltu isir mill-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Joseph', wara li jingabu l-istimi. Din l-ghaqda imbaghad taghti x-xoghol lil Joey Cutajar. Is-Sindku semma li huwa kellu talba minghand Joey Cutajar sabiex dan ix-xoghol jinghata dirett lilu u ghalhekk is-Sindku rrakkomanda li dan ix-xoghol ghandu jinghata lis-Sur Cutajar. Il-Kunsill iddiskuta li l-Ghaqda Muzikali ghandha tinghata servizz fil-*Christmas Market* li ser jigi organizzat. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lill-Ghaqda Muzikali sabiex jigu nformati b'dan. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li jridu jintalbu tlett stima ghal dan ix-xoghol u mhux jinghata *direct order*. Il-Kunsill iddecida li s-Sur Joey Cutajar ghandu jigi mistiden fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jigi diskuss dak li jixtieq joffri.

4.3.6 Giet trattata kopja tal-applikazzjoni tal-skema finanzjarja zvilupp ta' libreriji lokali u regjonali f'centri li giet mibghuta lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ircieva *acknowledgement* minghand id-Dipartiment.

4.3.7 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lit-Transport Malta fejn gie mitlub sabiex il-*bus stop* li hemm fi Triq San Guzepp titressaq fi Pjazza San Guzepp. Il-Kunsill gie mitlub mit-Transport Malta ritratti kif ukoll konferma tar-residenti fejn hemm il-*bus stop* ezistenti kif ukoll ta' dawk ir-residenti fejn qed jigi propost li titressaq din il-*bus stop* jaqblux ghal dan it-trasferiment. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Daniel Cutajar resident ta' fejn qed tigi proposta li titressaq il-*bus stop* fejn huwa kif ukoll f'isem residenta ohra qed joggezzjonaw li l-*bus stop* tigi trasferti quddiem ir-residenzi taghhom. Il-Kunsill ircieva ittra minghand l-Avukat Damian Bigeni f'isem tmien residenti ta' Pjazza San Guzepp, dwar l-oggezzjoni taghhom sabiex il-*bus stop* tigi trasferti quddiem ir-residenzi taghhom. Il-Vici Sindku semma li huwa jixtieq iressaq mozzjoni fuq dan is-suggett. Din il-mozzjoni giet diskussa f'*item* 4.16.

4.3.8 Giet mibghuta ittra lit-Transport Malta dwar il-parkegg ghal karozza elettrika tal-GOTO fejn gie nformat bid-decizjoni tal-Kunsill li ttiehdet fuq din il-materja fit-tielet laqgha tal-Kunsill. Il-Kunsill ircieva ittra ohra minghand Shannon Caruana mill-GOTO fejn huwa semma li l-pjan dejjem kien li fil-Qala ikun hemm zewg parkeggi sabeix jigi installat *charger* u li originalment il-pjan kien wkoll li c-*charger* jsir fil-Pjazza u li wara ftehim mas-Sindku sar ftehim li jitressqu fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra ohra fejn jigu nformati li l-Kunsill ser jibqa` bid-decizjoni tieghu li jkun hemm parkegg wiehed minghajr *charger/meter* ezatt kif hemm fil-lokalita` t'Ghajnsielem kif ukoll sabiex it-tieni parkegg li hemm bhalissa jitnehha peress li qed johloq inkonvenjenza lir-residenti t'hemm.

4.3.9 Gew mghoddija tlett fanijiet li m'ghadhomx jahdmu sabiex jigu mnehhija mill-assi tal-Kunsill.

4.3.10 Gie deciz li ghandha tinbghat ittra lit-Transport Malta dwar il-proposta tal-arrangament tat-traffiku fejn isir *no parking* minn 7:00am sa 7:00pm f'parti minn Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg.

4.3.11 Giet trattata din il-korrispondenza:

4.3.12 Ittra mibghuta mis-Segretarju Parlamentari ghal Persuni b'Dizabilita` u Anzjanita` Attiva Anthony Agius Decelis dwar Premju Nazzjonali fil-Qasam tad-Dimensja.

4.3.13 Ittra mibghuta minn Kevin Farrugia *Deputy Chief Executive Officer* fit-*Transport Malta* dwar parkegg riservat numru 6599.

4.3.14 Ittra mibghuta minn Mario Fava President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bhala ringrazzjament lill-Kunsilli Lokali li attendew is-seminar li sar nhar is-Sibt 13 ta' Lulju 2019.

4.3.15 Cirkulari AKL 2019/071 mibghuta minn Mario Fava President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Materjal – Seminar – Fondi ghall-inizjattivi Kulturali/Socjali mill-Fondi tal-LESA.

4.3.16 Ittra mibghuta minn Jonathan Bajada Organizzatur fil-Kumitat tat-tigrija taz-zwiemel tal-Qala 2019, fejn il-Kunsill gie mitluba sabiex ikun parti minn din it-tigrija. Il-Kunsill iddecida li jkopri xi spejjes bhas-snin precedenti.

4.3.17 Ittra mibghuta minn Martin Saliba, Simon Micallef Stafrace u Robert Sarsero mit-Tribunal ta' Revisjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 11 ta' Lulju 2019 dwar appell 222/16 MS fuq applikazzjoni PA 3798/02. Kopja ta' ittra li l-Avukat Carmelo Galea f'isem l-appellant, bghat lit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar dan l-istess appell.

4.3.18 Ittra mibghuta minn George Refalo Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun Ghawdex, dwar hatra tal-membri effettivi u dawk sostituti tal-Kunsill Regjonali Ghawdex. Il-Kunsill qabel li ghandhom ikunu s-Sindku Paul Buttigieg u sostitut il-Vici Sindku Ivan Cefai.

4.3.19 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-10 ta' Lulju 2019 sas-6 t' Awwissu 2019 minn referenza numru 142/19 sa referenza numru 165/19 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 55/19 sa referenza numru 68/19 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 4.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

4.4.1 Il-Vici Sindku semma li kellmuh xi residenti fi Pjazza San Guzepp li huma ma kienux jafu li l-*kiosks* fil-festa ta' lokalita` kienu ser jigu trasferiti faccata tar-residenzi taghhom. Is-Sindku semma li *kiosks* waslu ezatt sa quddiem it-tarag tad-dar parrokkjali ghax ir-residenti li joqghodu minn hemm l-isfel ma ridhomx quddiem taghhom. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li Paul Debattista kellmu u qallu li ma kien jaf b'xejn. Il-Vici Sindku semma li din il-persuna kellmietu wkoll u l-istess qallu lilu. Is-Sindku semma li huwa kien tkellem ma Paul Debattista fejn dan accetta biss li joqghod wiehed tal-*hotdogs*, ghax kien jafu. Il-Vici Sindku qal lis-Sindku li huwa kien nformah (lis-Sindku) biex jirranga l-affarijiet izda ma tranga xejn. Il-Vici Sindku semma li kien hemm persuni ohra li ma kienu jafu b'xejn. Is-Sindku semma li huwa informa lil kulhadd.

4.4.2 Il-Vici Sindku ppropona li ghandu jinxtara *aircondition* ghal berga tal-lokalita`. Gie deciz li jintalbu xi stimi. Huwa ppropona wkoll sabiex jingabu c-cwievet tal-latrina tal-iskola li hemm vicin il-berga. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu c-cwievet lill-iskola.

4.4.3 Il-Vici Sindku ppropona li ghandha jsir il-*gate* tal-*ground* tal-*football* fi Triq l-Imgarr.

4.4.4 Il-Vici Sindku ressaq talba sabiex isir bozza gdida fi Triq il-President Anton Buttigieg peress li jkun hemm hafna dlam. Is-Sindku semma li din it-talba ilha jsir u li hemm xi problemi ghalhekk ma saret qatt. Il-Vici Sindku semma li l-Kunsill ghandu jara x'hemm bzonn li jsir.

4.4.5 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li xi tletin sena ilu fl-oratorju saret attivita` bl-orkestra dwar San Guzepp u qed jipproponi sabiex din l-attivita` terga jsir ma Colin Attard. Huwa semma wkoll li ghandhom jigu nkluzi l-ghaqdiet tal-lokalita, izda gie diskuss li tkun xi ftit difficli. Il-Kunsill iddiskuta li ghandu jara kemm tqum din l-attivita' u ddecida li jekk isir ghandha jsir sena ohra fil-jiem ta' qabel il-festa tal-lokalita`. Il-Kunsilleri Joseph Buttigieg u Valerie Cassar Mejlak iddecidew li jiehdu hsieb din l-attivita`.

4.4.6 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa jixtieq li jorganizza gita ghal Sqallija u li t-trasport sal-ajruport ta' Malta u lura ghandu jkun issussidjati mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan. Huwa semma li ser jiehu hsieb hu habba prezzijiet tal-vjagg.

4.4.7 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa ghamel xi zmien jahdem mill-Ministeru ghal Kultura u iltaqa` ma *Chairman* u semma li hemm cans li jingab *show* ta' artisti minn barra. Huwa ssuggerixxa li jingabu fil-lokalita` tal-Qala u l-Kunsill kull ma johrog bhala spejjes huwa tat-trasport. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.4.8 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ippropona li ghandha isir kompetizzjoni *online* ta' *The Cutiest Pet Photo*, fejn imbaghad l-ahjar tnax ir-ritratt isir kalendarju bihom. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.4.9 Il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak pproponiet li ghandu jsir *storytelling* taht tinda kbira fi Pjazza San Guzepp. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.4.10 Il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak semmiet li hija qedha tahdem fuq il-*farmers market* sabiex isir il-ftuh tieghu wara l-attivita` tal-*Qala International Folk Festival*. Hija pproponiet li jsiru l-istands bhas-sena l-ohra fl-attivita` tal-QIFF.

4.4.11 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar jekk ic-CCTV *camera* li giet installatha fi Triq il-Wileg hiex tahdem. Is-Sindku semma li huwa tkellem ma minn installaha u qal li tahdem qedha. Is-Sindku semma li ghandha tintbghat *warning letter* bir-ritratt tat-trukk lis-sidien tal-barrieri/*readymix* li jghaddu minn din it-triq.

4.4.12 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ressaq talba ta' residenti li joqghodu fi Triq it-Tempju sabiex jiltaqghu mal-Kunsill dwar l-ammont kbir ta' vetturi li qed jghaddu mit-triq taghhom peress li giet maghluqa t-triq li taghti ghan-Nadur minhabba xogholijiet li qed isiru fiha.

4.4.13 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma l-artiklu li deher fuq il-gazzetta dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp fuq il-kamra ta' Muxi. Il-Kunsill iddiskuta dan u gie deciz li tinhareg stqarrija li l-Kunsill qed joggezzjona ghal din l-applikazzjoni. Il-Kunsill iddecida wkoll li jigu mqabbda l-Avukat Dr Claire Bonello u l-Perit Cocopardo.

## 4.5 *Qala International Folk Festival* 2019

4.5.1 Is-Sindku semma li ser jibda jiltaqa s-sottokumitat dwar il-*Qala International Folk Festival* 2019. Huwa semma li ser jipparticipaw tlett gruppi barranin, l-akkomodazzjoni bbukkjat, issa qed nistennew jibghatulna l-hinijiet taghhom. Il-Vici Sindku staqsa dwar jekk l-Ghaqda Muzikali Ite ad Joseph hiex ser tiehu sehem. Il-Kunsill iddecida li ghandha tiehu sehem. Is-Sindku semma li x'hin is-sena l-ohra gew mistiedna sabiex jiehdu sehem qalulu li jekk ma jiehdux sehem ahjar ghax ma jaqblilhomx. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa bghat xi mistoqsijiet fuq il-*festival* u hadd ma wiegbu. Gie deciz li ghandu jigi kkuntatjat Josef Farrugia sabiex jirrispondi l-email ta' Joseph Buttigieg kif ukoll sabiex jinforma lil Ghaqda Muzikali Ite ad Joseph bil-partecipazzjoni taghhom. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar min ser jiehu hsieb jarma u jzarma s-siggijiet. Is-Sindku semma li l-Ghaqda tan-Nar thajjru sabiex jiehdu hsieb huma.

## 4.6 L-offerta tal-*water culvert* u *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni.

4.6.1 Nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju 2019 saret laqgha tal-bord tal-evalwazzjoni dwar l-ghazla tal-offerta tal-*water culvert* u *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni. Il-bord tal-evalwazzjoni ddiskuta l-unika offerta. Gie diskuss li l-offerta ssottomessa giet id-doppju tal-*budgeted amount*. Il-Perit li pprepara d-dokument semma li gara hekk peress li l-istima giet mahduma fuq rati antiki filwaqt li l-offerta mitfugha nhadmet fuq rati godda u ghalhekk din l-offerta ma gietx accettata. Is-Sindku semma li nghata parir mill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex tigi ppreparatha stima ohra u tinhareg offerta ohra. Huwa semma wkoll li ghamel talba lill-Ministeru sabiex jinghataw aktar fondi ghal dan il-progett. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar kemm ser jinghata ghajnuna. Is-Sindku semma li skond l-ammont tal-offerti li ser jigu mitfugha.

## 4.7 Tindif tal-barriera tal-iskart ta' Hondoq.

4.7.1 Wara li deher xi artiklu fuq il-mezzi lokali dwar tindif tal-barriera ta' Hondoq mill-iskart, is-Sindku semma li ma jistax isir tindif fil-barriera ta' Hondoq ir-Rummien peress li l-Kunsill m'ghandu ebda dritt jidhol fil-proprjeta` privata. Huwa semma li ser jikkuntatja lill-Avukat biex forsi jsir tindif fil-barriera kif ukoll fil-gnien zghir li hemm Hondoq mis-sidien stess.

## 4.8 Il-hinijiet tal-gbir tal-iskart fil-lokalita`.

4.8.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill irid ikun flessibli mal-kuntratt tal-iskart, peress li l-gbir tal-iskart qed isir bi prezz antik. Huwa semma li gieli jigi kkuntatjat il-kuntrattur biex jigbor f'xi postijiet li ma jkunx ingabar l-iskart peress li gieli johrog xi hadd xi skart wara li jkun ghadda tal-iscammel u dan jerga` jigi biex jigbru. Jekk naghmlu l-hin aktar tard l-affarijiet ser imorru ghall-aghar.

## 4.9 Gemellagg ma Canale Monterano – attivitajiet ghas-sena d-diehla.

4.9.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa bghat email lis-Sindku ta' Canale Monterano izda s'issa ghadu ma rcievex risposta. Huwa semma li ser jerga jibghatlu.

## 4.10 L-ahhar zviluppi dwar il-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard'.

4.10.1 Is-Sindku semma li l-Perit ghad irrid jibghat kjarifika fuq il-bandla tal-persuni b'dizabilita`. Giet mibghuta l-ittra tal-accettazzjoni ghall-offerta ghal *playground equipment*.

## 4.11 *Embellishment* tal-bini tal-ufficini tal-Kunsill minn barra u minn gewwa.

4.11.1 Is-Sindku semma li ser isir *embellishment* tal-bini tal-ufficini tal-Kunsill minn barra u minn gewwa miz-zewg haddiema assenjati mal-Kunsill mill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*. Is-Sindku semma li gie mixtri *scaffolding*.

## 4.12 Sabiex jitqabbad *designer* dwar l-*embellishment* tal-bini tal-ufficini tal-Kunsill.

4.12.1 Is-Sindku semma li jixtieq li tigi mqabbda l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak sabiex taghti parir dwar kulur u affarijiet ohra ghal *embellishment* tal-bini tal-ufficini tal-Kunsill. Is-Sindku talab lil Kunsillier Valerie Cassar Mejlak sabiex tohrog mill-kamra sakemm tigi diskussa din il-materja. Il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak harget. Is-Segretarja gibdiet l-attenzjoni tal-Kunsill illi skond l-Att dwar il-Gvern Lokali ma jistghux jitqabbad Kunsillieri ghal servizzi li jkollu bzonn il-Kunsill. Is-Sindku semma li ghandha tintbghat ittra lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn jinformah li l-Kunsill jixtieq li jqabbad lill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak.

4.13 *Embellishment* tal-*Qala Folklore Museum*.

4.13.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ssuggerit li ghandha jsir xi tip ta' *exhibition* fil-*Qala Folklore Museum*. Hija ssuggerit ukoll li ghandu jigi rrangat l-squq ta' ma gemb il-bini ta' dan il-Muzew u l-hajt tal-Muzew li hemm f'dan l-isquq naghtuh kulur.

4.14 *Mosaic lessons.*

4.14.1 Il-Kunsill iddiskuta li hemm persuna li toffri l-*mosaic lessons* u ghalhekk ghandhom jinghataw bidu ghal dawn il-lezzjonijiet. Din il-persuna tiehu xi €50 kull lezzjoni. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li l-lezzjonijiet jsiru madwar il-lokalita` bhal per ezempju jistghu ghall-ewwel isir il-hajt ta' barra tas-sala tal-komunita u b'hekk in-nies li jattendu jhosshom ukoll sodisfatti meta jkun lest dan ix-xoghol.

4.15 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti.

4.15.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-pagamenti bir-referenza numru SP 7/2019. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvati unanimament.

4.16 Mozzjonijiet.

4.16.1 Il-Vici Sindku semma li huwa jixtieq li jressaq mozzjoni. Huwa beda jaqra l-mozzjoni. Din il-mozzjoni giet ssekondata mill-Kunsillier Joseph Buttigieg. Wara dan il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li din ridiet tintbghat qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv semmiet li dan huwa minnu izda peress li s-suggett msemmija fil-mozzjoni gie diskuss f'din il-laqgha, din il-mozzjoni tista' titressaq. Is-Sindku semma li mill-bieb il barra jistghu jitwahhlu affarijiet li trid jigifieri dawn ir-residenti li qed isibu oggezzjoni sabiex titwahhal *bus stop* quddiem taghhom, m'ghandhomx ragun. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li r-rispett ghandu jkun hemm minn kulhadd dan qed isemmieh peress li fil-mozzjoni kien hemm mnizzel li ma kienx hemm rispett mill-Kunsillieri tas-seba` legislatura li huma wkoll fil-legislatura prezenti. Huwa semma wkoll li dak li kien gara fis-seba` legislatura fuq dan is-suggett kien gie diskuss fit-tielet laqgha ta' din l-legislatura. Il-Vici Sindku semma li dan mhux minnu. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal lil Karl Buttigieg li issa l-minuti qed jikkonfermaw li huwa (Joseph Buttigieg) ma kienx ivvota favur li isir il-*bus stop* fejn qed tigi proposta fl-ahhar laqgha mhux bhal ma qallu hu (Karl Buttigieg) li kien ivvota favur. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li huwa gie mistoqsi minn resident minn ivvota u hu qalu jien u l-ohrajn.

4.16.2 Il-Vici Sindku staqsa lis-Sindku ghaliex l-ahjar post ghal din il-*bus stop* hija quddiem ta' dawn ir-residenti. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa insorta kien qed it-Transport Malta u semmielhom din il-problema. Huma qalu li hemm *option* fejn il-*bus stop* isir vicin l-istatwa tal-Madonna li hemm fil-Pjazza u imbaghad il-*bus* tibqa sejra ghal Triq il-Kuncizzjoni. Il-Vici Sindku zied li jsiru xi *traffic* lights fil-bidu ta' Triq il-Kuncizzjoni. Is-Sindku semma li huwa kien gie nformat mit-Transport Malta t'Ghawdex li l-*bus stop* ma tistax isir hemm. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li tat-Transport Malta lest li jiltaqghu mal-Kunsill. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li jekk hemm *option* ohra ghan-naha l-ohra huwa jaqbel li jsir hemm izda jekk le ghandha jsir fejn il-Kunsill iddecida fl-ahhar laqgha. Is-Sindku semma li huwa ma jaqbilx li l-*bus* tghaddi 24 siegha minn Triq il-Kuncizzjoni u qalhom jekk qeghdin taghmlu hekk ghax jien

noqghod hemm, jien ma jridx li tghaddi minn Triq il-Kuncizzjoni. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal lis-Sindku illi jekk huwa (is-Sindku) qed jahseb li huwa (Joseph Buttigieg) irid li tghaddi minn Triq il-Kuncizzjoni biex ipatti lil xi hadd personali, sejjer zbal. Il-Vici Sindku semma li huwa wkoll, mhux qed jaghmel hekk biex ipatti lil xi hadd. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li r-resident li qed jimponi sar jaf bid-decizjoni tal-Kunsill minn entita` ohra u mhux minnu u mill-Vici Sindku. Il-Vici Sindku semma li sa missier dak li qed jimponi qal li "jekk jigri xi haga lit-tifel tieghi jiena lest li lil-Vici Sindku nitfghu taht it-trab akkost ta' kollox". Is-Sindku semma li huwa ilu sentejn jara fejn tista` tigi trasferta l-*bus stop*, fejn il-Madonna ma accettawx u lanqas quddiem ic-Centru u li tat-Transport qalulu li l-uniku post huwa fejn qed jigi propost. Il-Kunsill iddecida li jiltaqa` mat-Transport Malta. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li peress li t-trasport hija wahda mir-responsabilitajiet tieghu huwa ser jiehu hsieb sabiex isir laqgha u li kulhadd irid jattendi l-laqgha sabiex wara ma jkunx hemm paroli. Il-Kunsill iddecida li l-laqgha mat-Transport Malta ghandha jsir il-Qala. Il-Vici Sindku semma li l-mozzjoni dwar decizjoni ghar-rilokazzjoni, tghaddix jew le, skond jekk tinstabx *option* ohra, jekk le imbaghad isir votazzjoni. Kopja tal-mozzjoni giet annessa ma dawn il-minuti.

## 4.17 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

4.17.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 12 ta' Settembru 2019.

Ikkonfermati illum, Il-Hamis 12 ta' Settembru 2019

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv